**Emenda 2**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 - Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***18. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-programm ITER u jimpenja ruħu li jiżgura l-finanzjament xieraq; jinsab imħasseb, madankollu, dwar il-fatt li l-preżentazzjoni ta' kalendarju u ppjanar finanzjarju riveduti għall-programm ITER prevista f'Novembru 2015 mhix se tippermetti li l-awtorità baġitarja tqis l-informazzjoni ġdida fil-proċedura baġitarja annwali għall-2016; iħeġġeġ, madankollu, biex l-ITER u l-Impriża Konġunta tiegħu għall-Unjoni Ewropea – Fużjoni għall-Enerġija jippreżentaw mingħajr dewmien ir-rapporti mitlubin rigward il-kwittanza tagħhom għall-2013, u biex jagħtu segwitu għar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Parlament;*** | 18. ***Jiddispjaċih li l-finanzjament għall-ITER naqas biss bi ftit u huwa akkumpanjat mit-tħabbir ta' kumpens fl-2018-2020; jissottolinja l-importanza li jitnaqqsu gradwalment il-finanzjamenti għal dan il-proġett mhux sostenibbli, fid-dawl tal-istqarrija riċenti, fost l-oħrajn, mill-Gvern Ġermaniż li skontu la l-iskeda u lanqas il-pjan ta' infiq, li diġà ġie rivedut, ma huma realistiċi, anki fid-dawl tal-analiżi kritika tal-Qorti tal-Awdituri;*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jiddeplora l-fatt li d-Direttur Ġenerali l-ġdid tal-ITER f'Novembru 2015 u b'dewmien ta' sitt xhur se jippreżenta skeda u pjan ta' pagament rivedut għall-proġett peress li dan se jkun tard wisq għall-awtorità baġitarja biex tqis b'mod suffiċjenti l-informazzjoni l-ġdida fil-proċedura baġitarja annwali għall-2016; jisħaq li, bil-għan li jiżgura s-saħħa u l-effiċjenza tal-infiq, il-Parlament se jirriżerva d-dritt li jqiegħed parti mill-approprjazzjonijiet għall-ITER fir-riżerva sakemm il-fatti u ċ-ċifri l-ġodda jkunu ġew ivvalutati fid-dettall;*** |

Or. en

1.7.2015 A8-0217/4

**Emenda 4**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18b. Jiddeplora l-fatt li l-ITER u l-Impriża Konġunta Ewropea tiegħu – Fużjoni għall-Enerġija, naqsu milli jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament, billi ma ppreżentawx ir-rapport rikjest li jirrigwarda l-kwittanza 2013 tagħhom; jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' trasparenza u ż-żieda fir-riskju ta' irregolaritajiet; iħeġġiġhom jikkjarifikaw is-sitwazzjoni tagħhom mingħajr dewmien u sa mhux aktar tard minn Awwissu 2015;*** |

Or. en